**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Settembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 62/2011JVC**

**Michael Grima**

**Vs**

**Ignatius Attard and Company Limited; Ignatius Attard u b'digriet tad-29 t'Ottubru 2014 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Grace Attard stante l-mewt ta' Ignatius Attard fil-mori tal-kawza; Angelo Cefai**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi r-rikorrent huwa l-inkwilin tal-fond ossia hanut, qabel maghruf bhala 'Mike's Bar' u f'xi zmien bhala 'Manoel's Restaurant' u llum maghruf bhala 'Sicilia Bella' fi Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex;

2. Illi dan il-fond illi huwa proprjeta' tal-Gvern ta' Malta, ilu mikri lir-rikorrent mill-Kummisarju tal-Artijiet 'il fuq minn hamsa u tletin (35) sena, u qabel, kien mikri lil ommu li kienet tiggesti bar fl-istess post;

3. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), l-intimati Ignatius Attard u Angelo Cefai min-naha u r-rikorrent Michael Grima minn ohra ffurmaw socjeta' *en nom commandite* (P.Comm.Nru.14) bl-isem 'Ignatius Attard and Company' fejn ir-rikorrent Michael Grima gie msejjah is-socju akkommandanti u l-intimati Ignatius Attard u Angelo Cefai gew ikklassifikati bhala s-socji solidali. L-iskop ta' din is-socjeta' kien il-gestjoni tal-imsemmi hanut bhala 'bar and restaurant'. Kopja

tal-ftehim u tac-certifikat tas-shubija huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'MG1' u Dok 'MG2' rispettivament;

4. Illi skont l-istess ftehim tal-20 ta' Frar 1991, is-socjeta' giet iffurmata ghal zmien ta' ghoxrin (20) sena, prorogabbli awtomatikament ghal ghaxar (10) snin. Permezz tal-ftehim jidher illi kienu s-socji solidali u cioe' l-intimati li kellhom id-dritt awtomatiku li jxolju s-socjeta' fi kwalunkwe zmien bi pre-avviz espress ta' sitt (6) xhur. Illi permezz ta' ittra ufficjali li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'MG3' is-socji solidali u cioe' l-intimati nfurmaw lir-rikorrent li huma kienu qed jipprevalixxu rwiehhom mid-dritt li jipprorogaw il-ftehim taghhom ghal ghaxar snin ohra;

5. Illi permezz tal-ftehim ta' bejniethom, kien esperess illi l-licenzji u l-permessi kif ukoll l-inkwilinat kellhom u jridu jibqghu f'isem ir-rikorrent Michael Grima wahdu, b'dana pero' li ma setax jittrasferixxi l-inkwilinat tieghu minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet u tas-socji solidali u cioe' tal-intimati u f'kaz ta' terminazzjoni tas-shubija, il-licenzji ghandhom jibqghu ta' Michael Grima wahdu;

6. Illi t-tmexxija tan-negozju gie fdat f'idejn l-intimati Attard u Cefai b'dana illi l-profitti netti wara li jitnaqqsu l-ispejjez, salarji u eventwali perditi kellhom jigu percepiti kwantu ghal hamsa fil-mija (5%) mis-socju akkomandanti u kwantu ghal hamsa u disghin fil-mija (95%) mis-socji solidali;

7. Illi fit-terminazzjoni tas-socjeta' il-fond, kif ikun, imur lura ghand ir-rikorrent Michael Grima;

8. Illi permezz ta' ftehim iehor separat datat ukoll ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991), l-intimati Ignatius Attard u Angelo Attard bhala socji solidali fuq naha, u r-rikorrent Michael Grima fuq in-naha l-ohra, ghamlu referenza ghall-ftehim gia msemmi li permezz tieghu ffurmaw is-socjeta' u dahlu f'dan it-tieni ftehim sabiex jirregolaw s-sehem tal-partijiet mil-profitti, liema skrittura qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'MG4';

9. Illi fuq dana t-tieni ftehim l-intimati hallsu lir-rikorrent is-somma ta′ hamest elef liri Maltin (Lm5,000) ghas-saldu ta′ sehmu mill-profitti tal-ewwel ghaxar snin (cioe′ sas-sena 2001) u tal-prezz tal-mobbli ezistenti fil-hanut;

10. Illi in oltre′ gie miftiehem ukoll illi r-rikorrenti kellu jithallas is-somma ta′ elf lira Maltin (Lm1,000) kull sena ghas-snin 2002 sa 2011, liema pagament kellu jsir kull hames snin bil-quddiem u ghas-snin sussegwenti l-hlas kellu jibqa′ jsir kull hames snin bil-quddiem bl-awment a proporzjon taz-zieda fl-gholi tal-hajja;

11. Illi sussegwentament fl-erbgha (4) ta′ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) [kopja annessa u mmarkata bhala Dok ′MG5′], il-partijiet regghu dehru fuq skrittura ohra fejn l-intimati hallsu lir-rikorrent is-somma ta′ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) akkont tal-profitti lilu spettanti mis-socjeta′ ghall-perjodu ta′ bejn l-1 ta′ Marzu 2006 u t-28 ta′ Frar 2011, b′dana illi fi zmien il-partijiet obbligaw ruhhom li fi zmien xahar mill-gheluq ta′ kull sena huma jiltaqghu sabiex jigi precizat l-ammont ta′ profit spettanti lil kull socju u jsiru d-debiti aggustamenti;

12. Illi madankollu dawn il-laqghat baqghu qatt ma saru u ghalkemm ir-rikorrent Michael Grima nterpella lis-socji solidali, Attard u Cefai permezz ta′ ittra ufficjali nru 110/2011 [kopja annessa bhala Dok ′MG6′] sabiex jirregolaw il-pozizzjoni taghhom huma baqghu nadempjenti u minflok fid-9 ta′ Gunju 2011 baghtu cekk ta′ €11,647, pari ghal hamest elef lira, bhala sehmu mill-profitt ghall-perjodu bejn l-1 ta′ Marzu 2011 u t-28 ta′ Frar 2016 [kopja annessa bhala Dok ′MG7′], liema pagament mhux qed jigi accettat mir-rikorrent;

13. Illi l-margini tal-profitti sallum ghadhom ghal kollox mistura ghar-rikorrent li qed certament jigi negat id-drittijiet tieghu kif stabbiliti fil-paragrafu K tas-socjeta′ *en commandite*. Li jaf biss illi n-negozju tant huwa ghaddej tajjeb illi biex tiekol f′dan ir-restaurant, trid taghmel booking minn bosta granet qabel, u ghalhekk il-profitti tan-negozju llum ma jistghux ikun l-istess profitti li kien hemm ghoxrin sena ilu u cioe′ ta′ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghal hames snin;

14. Illi r-rikorrent ma jistax jibqa' f'dan l-istat fejn is-socji solidali b'mod l-aktar lampanti qeghdin jonqsu mill-obbligi taghhom fuq medda ta' snin fil-konfront tieghu u ma jridx illi jibqa' aktar socju f'din l-ishubija peress illi minkejja diversi laqghat u korrispondenzi l-intimati qatt ma wrew id-disponibilita' taghhom li juru verament x'inhu l-qliegh ta' dan ir-restaurant, u dan bl-akbar ingann lejn l-istess attur;

15. Illi fil-fatt ir-rikorrenti huwa lest li jintavola l-applikazzjoni relattiva mal-MFSA sabiex ma jibqax socju fis-socjeta' in kwistjoni, kopja ta' liema applikazzjoni qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'MG8';

16. Illi lanqas ma kien hemm kunsens unanimu biex tigi xolta l-istess shubija;

17. Illi c-cahda tieghu mill-profitti spettanti lilu li kien u ghadu l-uniku skop li huwa jidhol f'din is-shubija, kisret ghal kollox ir-relazzjoni ta' fiducja li suppost tezisti f'dawn il-kazijiet u fic-cirkostanzi ma jista' qatt jigi assigurat li huwa ser jinghata percentwali mill-qliegh veru tal-gestjoni ta' dan il-bar;

18. Illi l-attur ma hux dispost li jibqa' aktar fis-shubija ta' bejn il-partijiet;

19. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, hemm lok ta' gravita' sufficjenti li timmerita l-likwidazzjoni tas-shubija;

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex ma jibqax socju f'din is-shubija *en nom commandite* stante illi s-socji solidali ntimati ma onerawx l-obbligi taghhom u r-rikorrent mhux dispost li jibqa' hekk assocjat;

2. Konsegwentament tiddikjara s-shubija ta' bejn il-partijiet maghrufa bl-isem 'Ignatius Attard and Company' bin-numru Partnership No. P. Comm. 14 xolta;

3. Tahtar perit komputista halli jillikwida s-shubija ta' bejn il-partijiet;

4. Tiddikjara li l-intimati naqsu milli jaghtu rendikont xieraq lir-rikorrent tal-andament tan-negozju b'dana li cahduh mill-percentwali tieghu ta' profitti kif kienu ftehmu fil-kostituzzjoni tas-shubija ta' bejniethom;

5. Tordna li tigi likwidata s-somma li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrent bhala sehmu mill-profitti tul is-snin kollha li jirrizultaw li ghadhom ma thallsux lilu;

6. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrent dawk il-bilanci hekk likwidati;

7. Tordna lill-perit komputista mahtur minnha halli johrog bi pjan ta' qasma dwar l-attiv u l-passiv ta' din is-shubija u kif dan ser jigi assenjat lill-kontendenti;

8. Tordna notifika tal-kopja tas-sentenza eventwali lir-Registratur tal-MFSA biex ihassar l-isem tas-shubija ta' din is-socjeta' *en nom commandite* mir-Registru.

Salv kull provediment iehor li jogghobha taghti din il-Qorti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi b'mod preliminari, huwa sottomess li din il-kawza saret biss bi skop vessatorju u dan peress li fiha, l-attur qed ikompli jaghmel dak li ilu jaghmel ghal zmien twil, u cioe' li b'kull mezz possibbli jara kif jostakola l-andament tan-negozju ezercitat mill-fond mertu tal-partnership ta' bejn il-partijiet;

3. Illi preliminarjament huwa wkoll sottomess li l-procedura adottata mill-attur hija nulla u mhijiex legalment ammissibbli u dana peress li t-talba ghax-xoljiment tal-kumpanija *en commandite* in kwistjoni ma gietx ibbazata fuq wahda mir-ragunijiet elenkati fl-artikoli 35 u 65 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess huwa sottomess li lanqas il-ftehim ta' bejn il-partijiet ma jipprovdi dwar il-possibilita' tax-xoljiment tal-kumpanija ghar-ragunijiet dedotti f'din il-kawza;

5. Illi inoltre, huwa sottomess li s-socji solidali assolutament qatt ma naqsu fl-obbligi kuntrattati minnhom mar-rikorrent. Min-naha l-ohra, kien l-attur li kiser diversi drabi l-obbligi kuntrattwali tieghu fil-konfront ta' l-esponenti, u f'dan ir-rigward, qed jiehdu l-passi opportuni permezz ta' kontrotalba opportuna.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll huwa sottomess li, del resto, il-ftehim ta' bejn il-partijiet ma jipprovdix dwar xi obbligu fuq is-socji solidali li juru x'inhu l-qliegh tar-restaurant in kwistjoni;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess huwa wkoll sottomess li fl-ahhar mill-ahhar, u kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors guramentat, da parti taghhom, is-socji solidali ma kellhom l-ebda problema biex jiltaqghu ma' l-attur u jaghtuh l-informazzjoni mehtiega. Kien unikament l-attur li kien qed jirrifjuta li jiltaqa' ma l-istess socji solidali, u dan kif ser jigi dettaljatament pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

8. Illi konsegwentement, fil-mertu, din il-kawza hija fi kwalunkwe kaz infondata.

9. Ghaldaqstant, m'hemm assolutament l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tilqa' it-talbiet attrici, inkluz billi xxolji s-socjeta' ta' bejn il-partijiet;

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti li ppremettew:

1. Illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artiklu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-esponenti jipprevalixxu rwiehom mill-azzjoni tas-socjeta' attrici in via rikonvenzjonali skont is-segwenti:

2. Illi fil-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), l-esponenti intimati Ignatius Attard u Angelo Cefai min-naha u r-rikorrent Michael Grima minn ohra iffurmaw socjeta' *en nom commandite* (P. Comm. Nru.14) bl-isem "Ignatius Attard and Company" fejn ir-rikorrent Michael Grima gie msejjah s-socju akkomandanti u l-intimati Ignatius Attard u Angelo Cefai gew ikklassifikati bhala s-socji solidali, l-iskop ta' liema socjeta' kien il-gestjoni ta' negozju ta' bar u restaurant u skopijiet affini mill-fond numru sebgha u ghoxrin (27), maghruf bhala "Mike's Bar", Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, limita ta' Ghajnsielem, Ghawdex.

3. Illi permezz ta' ftehim iehor ta' l-istess data, l-imsemmija Michael Grima, Ignatius Attard u Angelo Cefai rregolaw ulterjorment ir-relazzjoni taghhom fir-rigward tal-komposizzjoni tas-socjeta' msemmija.

4. Illi skont l-ewwel ftehim milhuq bejniethom l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti Michael Grima fl-imsemmija socjeta' kienet illi:

   "F(1) Is-socju akkomondanti qieghed jikkonferixxi fis-socjeta' l-uzu tal-fond fuq imsemmi numru sebgha u ghoxrin (27) maghruf bhala "Mike's Bar", Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex;

   (2) L-inkwilinat tal-imsemmi fond u l-permessi u licenzji kollha, jibqghu ghal kollox f'isem is-socju akkomondanti;

   (3) Is-socju akkomondanti ma jkun jista' jitrasferixxi d-drittijiet tieghu f'dina s-socjeta' jew fuq il-fond imsemmi lil terzi minghajr permess ippreventiv tal-Kummissarju tal-Artijiet u s-socji solidali."

5. Illi fl-istess l-ewwel ftehim milhuq bejniethom, gie miftiehem ukoll li:

   "J. L-amministrazzjoni u r-rapprezentanza tas-socjeta' jkunu biss fis-socju solidali li ghalhekk ikunu jistghu jorbtu lis-socjeta' ma terzi u lil terzi mis-socjeta."

6. Illi skont il-klawsola erbgha tat-tieni ftehim tal-20 ta' Frar 1991 milhuq bejn Grima, Attard u Cefai gie miftiehem li:

   "Is-socju akkomondanti [Michael Grima] jintrabat li kull meta jigi hekk rikjest minnu mis-socji l-ohra huwa jaghti l-kunsens tieghu jiffirma kwalunkwe dokument li jista' jkun mehtieg sabiex jigu ottjenuti l-permessi u licenzji kollha li huma jew ikunu mehtiega f'isem l-istess socju akkomondati sabiex jigi gestit in-negozju oggett ta' din is-socjeta'".

7. Illi inoltre, skont il-klawsola hamsa tat-tieni ftehim milhuq bejn Grima, Attard u Cefai gie miftiehem li:

   "Il-partijiet inoltre jaqblu li kemm-il darba s-socju akkomondanti [Michael Grima] bi htija jew negligenza jonqos milli jikkonferixxi l-kontribuzzjoni msemmija fit-tielet paragrafu tal-ftehim originali, jew bi htija jew negligenza jonqos mill-obbligi assunti minnu fil-ftehim dwar il-kostituzjoni tas-socjeta' jew f'din il-kitba, allura huwa jkun responsabbli lejn is-socji solidali ghall-hlas ta' penali ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija u din minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor ghad-danni li jkun jispetta lis-socji solidali".

8. Illi effetivament, ir-rikorrent Michael Grima naqas mill-obbligi assunti minnu fil-ftehim b'diversi modi u manjieri u dan billi (a) ma hallasx dejjem puntwalment il-licenzji u permessi fuq il-fond mertu tal-ftehim; (b) irrifjuta li jiffirma dokumenti li kienu mehtiega ghan-negozju ezercitat mill-fond in kwistjoni; (c) ghamel diversi ostakli biex il-ftehim ikun jista' jibqa' jigi attwat u dan inkluz billi: (i) ghamel rapport falz mal-Pulizija fejn allega li l-firma tieghu fuq il-ftehim ta' l-20 ta' Frar 1991 kienet falza, liema rapport huwa kien sussegwentement irtira; (ii) intavola mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-esponenti u ohrajn fl-ismijiet "Michael Grima vs Ignatius Attard and Company Limited" (Mandat 28/2011JD) liema mandat ta' inibizzjoni sar bl-iskop preciz li jwaqqaf in-negozju mill-fond de quo; u (iii) avvicina l-impjegati tas-socjeta' b'ghajjat u theddid bl-ghan li jheggighom itemmu l-impjieg taghhom mas-socjeta' billi kif diga' inghad, huwa pprova jwaqqaf l-istess negozju kemm permezz tar-rapport falz maghmul mal-Pulizija, bil-mandat ta' inibizzjoni msemmi u anki billi avviccina l-impjegati tas-socjeta'.

9. Illi konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti Michael Grima huwa responsabbli ghall-hlas tal-penali u danni fis-socji solidali kif kontemplat fil-klawsola hamsa tat-tieni ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-20 ta' Frar 1991, kif ukoll danni lis-socjeta' innifisha;

10. Illi ghalkemm interpellat ghal-likwidazzjoni u hlas tal-penali u danni relattivi, l-istess Michael Grima baqa' inadempjenti.

Talbu lil din l-Onorabbali Qorti:

1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq premessi, jew li ghal xi whud mir-ragunijiet imsemmija, l-attur Michael Grima naqas mill-obbligi assunti minnu fiz-zewg ftehim ta' l-20 ta' Frar 1991 milhuqa bejnu u l-konvenuti Angelo Cefai u Iganatius Attard;

2. Tiddikjara li minhabba dan in-nuqqas, l-istess attur Michael Grima huwa responsabbli ghall-hlas ta' penali u danni lill-konvenuti Angelo Cefai u Ignatius Attard, kif dovuti ai termini tal-klawsola hamsa tat-tieni ftehim milhuq bejniethom fid-data msemmija ta' l-20 ta' Frar 1991;

3. Tillikwida dawn il-penali u danni dovuti minnu lil Cefai u Attard kif premess.

4. Tikkundanna lill-attur Michael Grima sabiex fi zmien qasir u perentorju ihallsu lill-konvenuti Cefai u Attard l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'Awissu 2011 u l-ingunzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michael Grima wara l-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi a kuntrarju ta' dak allegat mil-konvenuti rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonanti dejjem assuma l-obbligi tieghu b'responsabbilta' kbira

kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Illi l-verita' hija li kienu l-konvenuti rikonvenzjonanti wahedhom li qatt ma onoraw l-obbligi taghhom imsemmija fl-istess ftehim u dokumenti ohra meta cahdu lill-istess Grima mid-drittijiet tieghu.

Illi l-attur rikonvenzjonat sabiex jaderixxi ruhu mal-artiklu 158 tal-Kapitlu 12 u filwaqt li jaghmel referenza ghall-premessi numerati tal-konvenuti rikonvenzjonanti jghid is-segwenti:

1. Illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet premessi ma humiex ikkontestati;

2. Illi r-raba premessa ma hix ikkontestata in kwantu hemm referenza ghall-ftehim pero' jinnota illi ma hemmx imsemmija d-drittijiet tal-istess Michael Grima ikkontemplati fil-ftehim bejn il-partijiet. Illi di piu huwa onera l-kontribuzzjonijiet tieghu lejn is-socjeta' u l-licenzji ghadhom f'ismu u dejjem thallsu minnu hlief ghall-ahhar darba kif ser jigi spjegat mat-trattazzjoni tal-kawza, izda dan ghaliex l-intimati rikonvenzjonanti raw x'ghamlu biex halsu qabel ma kien dovut il-hlas tal-licenzji bil-mira li jkunu jistghu jippremettu dikjarazzjoni erronja bhal dik tat-tmien premessa tal-kawza odjerna.

3. Illi l-hames, sitt u seba' premessa wkoll ma humiex ikkontestati stante illi jirreferu ghall-parti mill-ftehim ta' bejn il-partijiet.

4. Illi t-tmien premessa qed tigi kkontestata b'mod ferm stante illi Michael Grima qatt ma naqas mill-obbligi tieghu. Illi huwa dejjem hallas minn butu puntwalment u anzi b'diligenza kbira li kemm-il darba r -rapprezentanti tal-MTA kienu jghidulu illi kien ghadu ma wasalx iz-zmien biex ihallas u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi huwa qatt ma rrifjuta li jiffirma ebda dokument u tant hu hekk li n-negozju kien u ghadu ghaddej; illi Michael Grima qatt ma ghamel kwerela mal-pulizija izda talabhom biss sabiex jinvestigaw dokumenti originali li l-konvenuti rikonvenzjonanti rrifjutaw milli juruh. Fil-fatt, meta gew prodotti dawn id-dokumenti, setghu jsiru l-verifikazzjonijiet li ried jaghmel hu. Dan bl-ebda mod u manjiera ma gie ostakolat l-andament tan-negozju; illi l-mandat imsemmi sar biex jikkawtela l-interessi tieghu, bhal ma ghandu kull dritt jaghmel, bhala s-sid tal-licenzja wara li baqa' qatt m'inghata l-informazzjoni min-naha

tal-konvenuti rikonvenzjonanti li bl-ebda mod ma riedu jaghtu informazzjoni ta' ebda tip fuq in-negozju lill-istess attur rikonvenzjonat. Fil-fatt l-istess mandat gie rtirat mal-produzzjoni tal-istess informazzjoni;

5. Illi r-rikorrenti katergorikament jichad illi huwa b'xi mod naqas mir-responsabiltajiet assunti minnu anzi jghid illi huma l-konvenuti rikonvenzjonanti jew min minnhom li naqsu mill-obbligi taghhom minkejja l-weghdiet kollha taghhom li juru x'kien il-qliegh taghhom biex l-attur rikonvenzjonat jithallas u jkun jaf li thallas ai termini tal-istess ftehim.

6. Illi d-disa' premessa hija ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ukoll ikkontestata stante illi ma jezistux l-elementi ta' responsabbilita' li jgibu l-konsegwenza ta' hlas ta' penali msemmija fil-ftehim tal-20 ta' Frar 1991;

7. Illi l-ghaxar premessa qed tigi kkontestata.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fil-verbal tas-27 ta'Ottubru, 2011, Dr. Angele Formosa ghar-rikorrenti ddikjarat kif isegwi:

'li l-azzjoni taghha hija bbazata kemm fuq l-Artiklu 35 (d) u (e) tal-Att dwar il-Kumpaniji, kif ukoll il-klawzola (k) ta' l-iskrittura datata 14 ta' Frar 1991, il-klawzola 2 (b) tal-iskrittura markata MG 4 u l-iskrittura MG 5.;

Rat ukoll illi fil-verbal tal-5 ta' Novembru, 2014 Dr. Angele Formosa ziedet ukoll 'l-artikoli 35 (a), 52, 69 (1) (i) u 214 (2) (b) (4) tal-Companies Act kif ukoll l-artikolu 14 tal-Kap 386 u l-artikolu 15 (f) u 52 tal-Kap. 168 u titlob li l-qorti zzid dawn l-artikoli mal-verbal tas-27 ta' Ottubru, 2011.'

Rat l-erba' volumi ta' xhieda, affidavits, dokumenti, noti, opinjonijiet ta' professjonisti u kull att iehor esebit;

Rat ukoll l-atti annessi tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 28/2011;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Marzu, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza fejn l-attur, li huwa socju akkomandanti f'socjeta' in akkomandita, qed jitlob principalment li tigi xolta s-socjeta' in akkomandita bl-isem Ignatius Attard and Company (konvenuta) bir-ragunijiet li jaghti fir-rikors guramentat tieghu huma li hu kien qed jigi mcahhad mill-profitt spettanti lilu mis-socji l-ohra solidali (l-konvenuti), li huwa tilef il-fiducja fis-socji l-ohra u li ma hux dispost jibqa' aktar fis-shubija bejn il-partijiet u li ghalhekk, skont hu, hemm ragunijiet 'ta gravita' sufficjenti li timmerita l-likwidazzjoni tas-shubija.' Skont il-ftehim is-socju akkomandanti jipprovdi l-fond gewwa l-Mgarr sabiex jigi gestit bhala 'bar and restaurant' filwaqt li s-socji solidali jkollhom f'idejhom l-amministrazzjoni tal-istess fond. In kontra-kambju l-attur jiehu persentagg ta' 5% mid-dhul tas-socjeta' kif dettaljat ahjar fl-iskritturi ta' ftehim a fol. 9 u 12 tal-process.

Da parti taghhom il-konvenuti ma jichdux li jezisti l-ftehim li fforma s-socjeta' konvenuta datat 20 ta' Frar, 1991 u li jinsab esebit a fol. 9 kif ukoll il-ftehim ulterjuri bl-istess data esebit a fol. 12 li kompla jelabora fuq il-ftehim originali. Isostnu izda li huma dejjem mxew skont il-ftehim mal-attur u li l-azzjonijiet tal-attur huma vessatorji ntizi unikament sabiex iwasslu ghax-xoljiment tas-socjeta' in akkomandita biex l-attur jirriprendi lura s-sit (li jikonsisti f'restaurant gewwa l-Mgarr Ghawdex – mikri lilu mill-Gvern ta' Malta) u dan wara li huwa beda jippretendi li jithallas aktar minn dak miftiehem originarjament, minnu stess, lura fis-sena 1991.

Ghalkemm ghal xi raguni mhux maghrufa lill-Qorti l-attur naqas milli jelenka dan il-fatt fil-premessi tieghu, jirrizulta nkontestat li mal-ftehim

originali l-attur thallas mill-konvenuti personalment s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) sabiex ghadda l-pussess tal-fond f'idejn is-socji solidali li wahedhom kellhom ikollhom l-amministrazzjoni tal-fond bhala 'bar and restaurant'. Il-konvenuti jsostnu li dan sehh ghaliex originarjament l-intenzjoni taghhom kienet li jixtru l-fond izda wara saru jafu li l-attur ma kienx is-sid izda kien biss jikri minghand il-Gvern ta' Malta. Il-konvenuti jsostnu wkoll li kienu l-avukati rispettivi li waslu ghall-arrangament li minflok xiri tigi ffurmata s-socjeta' akkomandita. Il-konvenut ukoll thallas is-somma ulterjuri ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) dakinhar li giet iffurmata s-socjeta' a saldu ta' dak dovut lilu ghall-ewwel ghaxar snin tal-ftehim (ara fol 12) u tal-mobbli li kien hemm fil-fond.

Il-konvenuti da parti taghhom isostnu li huma dejjem imxew mal-obbligi taghhom bhala socji solidali u jinsistu li l-ftehim lanqas kien jobbligahom li juru lill-attur il-karti tas-socjeta' anzi jeccepixxu li l-kawza tal-attur hija wahda vessatorja ntiza sabiex taghmel il-bsaten fir-roti u tigi xolta s-socjeta' u ghalhekk jinsistu li t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda.

In oltre, permezz ta' kontro-talba taghhom il-konvenuti qed jitolbu li tigi attwata klawzola ta' hlas ta' penali ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) u danni (klawzola numru 5 kontenuta fil-ftehim a fol. 12 wara tal-process) u cioe' li l-attur jigi kkundannat ihallas penali u danni sofferti minnhom konsegwenza li hu agixxa bi ksur tal-obbligi tieghu skont l-istess ftehim u jelenkaw diversi mputazzjonijiet fil-konfront tal-attur bhala bazi tal-kontro-talba taghhom.

**Il-bazi legali tat-talbiet tal-attur:**

Illi fil-mori tal-kawza nqalaw diversi argumenti bejn il-partijiet dwar x'inhi ezatt il-bazi legali tat-talbiet tal-attur u fil-fatt tqajmet ukoll it-tielet eccezzjoni da parti tal-konvenuti f'dan is-sens kif isegwi:

'Illi preliminarjament huwa wkoll sottomess li l-procedura adottata mill-attur hija nulla u mhijiex legalment ammissibbli u dana peress li t-talba ghax-xoljiment tal-kumpanija *en commandite* in kwistjoni ma gietx ibbazata fuq wahda mir-ragunijiet elenkati fl-artikoli 35 u 65 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.'

Fil-fatt huwa minnu li fir-rikors guramentat ma jsir l-ebda accenn ghal xi artikolu tal-ligi li jista' jaghti ndikazzjoni fuq x'hiex hija msejsa l-istess kawza. Dan izda mhux neccessarjament irendi t-talba attrici nulla kif qed isostnu l-konvenuti.

Kif gia accennat aktar 'il fuq fil-mori tal-kawza l-attur ghamel referenza ghal diversi artikoli ta' ligijiet diversi li skont hu fuqhom hija msejsa l-kawza tieghu kif isegwi:

Fil-verbal tas-27 ta'Ottubru, 2011 gie ddikjarat 'li l-azzjoni taghha hija bbazata kemm fuq l-Artiklu 35 (d) u (e) tal-Att dwar il-Kumpaniji, kif ukoll il-klawzola (k) ta' l-iskrittura datata 14 ta' Frar 1991, il-klawzola 2 (b) tal-iskrittura markata MG 4 u l-iskrittura MG 5.;

fil-verbal tal-5 ta' Novembru, 2014 zdiedu wkoll 'l-artikoli 35 (a), 52, 69 (1) (i) u 214 (2) (b) (4) tal-Companies Act kif ukoll l-artikolu 14 tal-Kap 386 u l-artikolu 15 (f) u 52 tal-Kap. 168.'

Izda s-semplici referenza ghal dawn l-artikoli fil-verbali ma jfissirx li neccessarjament u legalment ir-rikors guramentat tal-attur ghandu jitqies li huwa msejjes ai termini ta' dak kollu indikat minnu. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti ma tistax tmur oltre dak premess u mitlub fir-rikors guramentat mill-istess attur altrimenti tkun qed tagixxi 'ultra-vires' il-poteri taghha fl-ambitu ta' din il-kawza u tkun qed tagixxi bi ksur tal-principju tal-*'audi-alteram partem'* jekk tippermetti li jitqajmu u jigu decizi talbiet li evidentement mhumiex inkluzi fir-rikors guramentat.

Illi din il-Qorti gharblet sew il-kontenut tar-rikors guramentat tal-attur u tirrileva s-segwenti:

(i) Illi mill-1 sal-11 il-paragrafu tar-rikors guramentat dawn jikkonsistu biss f'sommarju tal-ftehim bejn il-partijiet u xejn aktar. Ovvjament dawn jaghmlu referenza ghall-iskritturi datati 20 ta' Frar, 1991 li jikkostitwixxu l-bazi tal-ftehim bejn il-partijiet;

(ii) Illi mit-12 sad-19-il paragrafu tar-rikors guramentat l-attur jilmenta u jallega nuqqas ta' nformazzjoni lilu mis-socji solidali dwar il-qliegh u profitti tas-socjeta', jinsisti li l-profitt kien l-uniku skop li huwa dahal fis-shubija u li minhabba n-nuqqasijiet da parti tas-socji solidali relatati

man-nuqqas ta' informazzoni dwar il-profitt u allegatament nuqqas ta' hlas lilu huwa jinsisti li mhux dispost li jibqa' aktar fis-shubija bejn il-partijiet u li ghalhekk hemm ragunijiet gravi sufficjenti li jimmeritaw il-likwidazzjoni tas-shubija.

Dak suespost huwa l-kontenut sommarju tal-premessi kollha fir-rikors guramentat. Il-pern tat-talbiet tal-attur li jsegwu fl-istess rikors guramentat huwa wkoll in-nuqqas ta' informazzjoni da parti tas-socji solidali dwar il-qliegh/profitt, segwit mit-talba tal-likwidazzjoni tas-shubija u l-likwidazzjoni tal-profitti allegatament mhux imhallsa lill-attur. Xejn aktar u xejn anqas.

Il-Qorti izda rat li l-bosta artikoli tal-ligi ndikati mill-attur fil-verbal sussegwenti ghall-intavolar tar-rikors guramentat imorru ben oltre dak premess u mitlub minnu fl-istess rikors guramentat u ghalhekk ghalkemm tqajmu diversi argumenti relatati ma' dawn l-artikoli, il-Qorti ma tistax legalment tidhol f'analizi tal-istess artikoli u tapplikahom f'din il-kawza kif isegwi:

(i) L-attur iqajjem bosta argumenti dwar jekk il-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 i llum ghandux jigi kkunsidrat li huwa terminat u jaghmel referenza ghall-artikoli fl-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali li pprecediet l-att tal-Kumpaniji kif ukoll ghall-istess Att dwar il-Kumpaniji. Minn dak suespost huwa evidenti li dan l-argument jew ilment mkien (lanqas remotament) ma tqajjem fir-rikors guramentat tal-attur u ghalhekk din il-Qorti ma tistax legalment tiehu konjizzjoni tieghu b'dana li l-artikoli 35 (a), 69(1)(i), 214 (2)(b)(iv) u 14 tal-Att dwar il-Kumpaniji ndikati minnu ma ghandhom l-ebda rilevanza ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. L-istess japplika ghall-artikoli dwar iz-zmien indikati mill-attur fl-Ordinanza Dwar is-Socjetajiet Kummercjali.

(ii) L-istess jista' jinghad ghall-artikolu 35 (e) tal-Att dwar il-Kumpaniji li jaghmel referenza ghan-numru ta' socji meta dan jigi ridott ghall-anqas minn tnejn. Dan l-ilment imkien ma hu kontenut fir-rikors guramentat tal-attur;

(iii) Ghall-kuntarju izda din il-Qorti tara applikazzjoni tal-artikolu 35 (d) tal-Att dar il-Kumpaniji fil-kaz odjern, dejjem jekk dan jigi ppruvat, stante li jinkwadra ezatt l-argument imqajjem mill-attur fir-rikors

gurامentat tieghu (paragrafu 19) u cioe' '*(d) jekk fil-fehma tal-Qorti jkun hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment'*. Jekk tali argument hux verament gustifikat fil-mertu hija kwistjoni ohra li trid tigi analizzata fil-mertu ta' din id-decizjoni;

(iv) Il-klawzola K tal-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 9 wara) ukoll indikata mill-attur bhala l-bazi tal-ilmenti tieghu fil-kawza taqra kif isegwi:

'Il-profitti netti (wara li jitnaqqsu l-ispejjez, salarji u eventwali prediti), jigu percepiti kwantu ghall-hamsa fil-mija (5%) mis-socju akkomandanti u kwantu ghall-hamsa u disghin fil-mija (95%) mis-socji solidali.'

M'hemmx dubju li din il-klawzola tapplika fil-kaz odjern stante li hija nkwadrata fl-ilmenti mressqa mill-attur fir-rikors guramentat tieghu. Jekk l-ilment ghandux jirnexxi jew le l-Qorti ser tarah fl-analizi tal-mertu.

(v) L-attur jindika wkoll il-klawsola 2 (b) tal-iskrittura datat 20 ta' Frar, 1991 a fol. 12 tal-process li taqra kif isegwi:

'2. Ghall-perijodi ta' wara s-sehem dovut lis-socju akkomandanti mill-profitt tas-socjeta' ghandha tkun ta' elf Lira Maltija fis-sena pagabbli kif ser jinghad *(u dan b'referenza ghall-perjodu bejn il-11-il sena u l-20 sena tal-ftehim – Qorti)*:

b. Wara l-ghoxrin sena nizjali, u kemm-il darba s-socji solidali jaghzlu li jestendu z-zmien tas-socjeta' kif stipulat fil-ftehim originali, allura l-hlas ghandu jibqa' jsir kull hames snin bil-quddiem, b'dan illi dan il-hlas ghandu jigu awmentat fi tmiem kull perijodu ta' hames snin, a proporzjon maz-zieda fl-gholi tal-hajja fil-perijodu ta' hames snin li jkun intemm.'

Anki f'dan il-kaz ma hemmx dubju li din il-klawzola ssib l-applikazzjoni taghha fil-hlas dovut lill-attur li dwaru jilmenta fir-rikors guramentat u ghalhekk ghandha wkoll issib applikazzjoni f'din il-kawza, dejjem suggett li fil-mertu l-ilment ikun gjustifikat.

(vi) L-iskrittura MG 5 (fol. 13) ukoll indikata mill-attur datata 4 ta' Marzu, 2006 taqra fil-parti saljenti kif isegwi:

'Illi l-partijiet jixtiequ jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom naxxenti mis-socjeta' ghall-perjodu l-1 ta' Marzu 2006 sat-28 ta' Frar 2011 riferibilment ghall-profitti spettanti lil Michael Grima.

Dana premess il-komparenti Ignatius Attard u Angelo Cefai ghan-nom tas-socjeta' Ignatius Attard and Company qeghdin ihalsu lil Michael Grima accettanti s-somma ta' hamest elef lira ta' Malta (Lm5,000) u li ghaliha jhalli d-debita ricevuta akkont tal-profitti lilu spettanti mis-socjeta' ghall-perjodu 1 ta' Marzu 2006 sat-28 ta' Frar 2011 b'dana illi fi zmien xahar mill-gheluq ta' kull sena finanzjarji tas-socjeta' il-partijiet jobbligaw ruhhom illi jiltaqghu sabiex jigi previsat l-ammont ta' profitt spettanti lil kull socju u jsiru d-debiti aggustamenti.'

Dan il-ftehim jaghmel referenza diretta ghall-klawzola K fil-ftehim originali tal-20 ta' Frar, 1991 u huwa direttament relatat mal-hlas li jsir lill-attur u ghaldaqstant evidentement din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tieghu fl-analizi tal-mertu tal-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Deciz il-bazi tal-ilmenti tal-attur ai termini tal-istess rikors guramentat tieghu u cioe' l-artikolu artikolu 35 (e) tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-klawzoli fil-ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti ser tghaddi ghall-analizi tat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti.

Illi fir-rikors guramentat tieghu l-attur ma jressaq l-ebda ilment dwar il-perjodu qabel l-1 ta' Marzu, 2006. Konsegwentement jilmenta li wara l-ftehim tal-4 ta' Marzu, 2006 (fol. 13) is-socji solidali naqsu milli jsejhu l-laqghat li kienu obbligati li jaghmlu skont l-istess ftehim ghalkemm interpellati. Anzi jsostni li marru oltre u li fid-9 ta' Gunju, 2011 baghtu cekk ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Euro (€11,647) sabiex ikopru dak dovut lilu ghall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu, 2011 u t-28 ta' Frar 2016 liema cekk huwa ma accettax. L-attur jishaq li la darba mhux qed tinghata informazzjoni lilu dwar il-margini ta' profitt allura qed jigu negati lilu d-drittijiet stabbiliti fil-paragrafu K tal-iskrittura datata 20 ta' Frar, 1991 u jinsisti li ma jistax ikun li 'l-istess profitti li kien hemm ghoxrin sena ilu u cioe' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghall-hames snin' ghadhom japplikaw ghoxrin sena wara. Jinsisti li c-cahda lilu

mill-profitti ghandha twassal ghal raguni sufficjenti sabiex din il-Qorti thassar is-shubija bejn il-partijiet.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel ghalhekk fl-ewwel lok referenza ghall-paragrafu K tal-iskrittura tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 9) li taqra kif isegwi:

'K. Il-profitti netti (wara li jitnaqqsu l-ispejjez, salarji u eventwali perditi), jigu percepiti kwantu ghall-hamsa fil-mija (5%) mis-socju akkomandanti u kwantu ghall-hamsa u disghin fil-mija (95%) mis-socji solidali.'

F'din l-iskrittura mkien aktar ma tissemma xi spartizzjoni tal-profitti jew xi obbligi tas-socjeta' ta' xi hadd mis-shab relatati mal-istess profitti. Fl-istess jum izda gie ffirmat ftehim iehor li jinsab esebit a fol. 12 tal-process li jaghmel referenza direttament ghall-ispartizzjoni tal-profitti li fl-ewwel skrittura saret biss referenza generali ghalih fil-klawzola K kif isegwi:

'U peress illi il-partijiet iridu jirregolaw ir-relazzjonijiet taghhom naxxenti mill-att ta' socjeta' fuq imsemmi senjatament ghal dak illi jirrigwarda s-sehem mill-profitti spettanti lis-socju akkomandanti qeghdin jiftehmu dan li gej:

1. Is-socji solidali qeghdin ihallsu lis-socju akkomandanti s-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) rapprezentanti a saldu: (a) ta' sehmu mill-profitti tas-socjeta' ghall-ewwel ghaxar snin u (b) tal-prezz tal-effetti mobbli ezistenti fl-imsemmi fond elenkati fl-anness dokument A li qeghdin jigu mibjugha u ttrasferiti lis-socji solidali;'

Dan il-ftehim gie ffirmat mis-socji kollha nkluz l-attur. L-attur ma jichadx li huwa rcieva s-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) imsemmija fl-istess skritturra. Din l-iskrittura waheda tevidenzja li l-attur ghall-ewwel ghaxar snin tal-ftehim kien sodisfatt bl-ammont ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) 'a saldu' kif specifikatament tnizzel fil-ftehim u ghaldaqstant il-Qorti tqis li certament ma jistax l-attur jippretendi li l-Qorti tmur kontra dak dikjarat minnu stess u tillikwida xi ammonti ulterjuri li issa qed jippretendi li huma dovuti lilu b'lura ghal dak iz-zmien. In oltre l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-attur b'mod partikolari l-kontro-ezami tieghu (fol. 824 et seq) minfejn hareg car li l-attur ghall-ewwel sbatax-il sena tal-ftehim kien kuntent b'dak li

kien qed jithallas lilu u dan partikolarment ghaz-zmien li t-tmexxija tal-hanut kienet inghatat mis-socji solidali lil certu Noel Scerri li wkoll xehed f'dawn il-proceduri (fol. 99). Fil-fatt l-attur isostni ghal aktar minn darba waqt il-kontro-ezami tieghu li huwa 'kien sodisfatt' sakemm Noel Scerri kien fil-hanut u kien jircievi l-ammonti skont kif kienu ndikati lilu u li taghhom kellu anki kopja (fol 101) ai termini tal-hlas li kien jaghmel l-istess Noel Scerri lis-socjeta'.

Illi dwar it-tieni ghaxar snin tal-ftehim fl-iskrittura datata 20 ta' Frar 1991 u li taghmel referenza diretta ghall-profitti jkompli jinghad kif isegwi:

'2. Ghal perijodi ta' wara s-sehem dovut lis-socju akkomandanti mill-profitti tas-socjeta' ghandha tkun ta' elf Lira Maltija fis-sena pagabbli kif ser jinghad:

a. Il-hlas ghall-ghaxar snin sussegwenti (cioe' mill-hdax sal-ghoxrin sena mit-twaqqif tas-socjeta') dan ghadu jsir kull hames snin bil-quddiem.

b. Wara l-ghoxrin sena nizjali, u kemm-il darba s-socji solidali jghazlu li jestendu z-zmien tas-socjeta' kif stipulat fil-ftehim originali, allura l-hlas ghandu jibqa' jsir kull hames snin bil-quddiem, b'dan illi dan il-hlas ghandu jigi awmentat fi tmiem kull perijodu ta' hames snin a proporzjoni maz-zieda fl-gholi tal-hajja fil-perijodu ta' hames snin li jkun intemm.'

Ghalkemm ma tressaq l-ebda dokument li jevidenzja l-pagament, ma jirrizultax li huwa kontestat bejn il-partijiet li l-attur thalset lilu s-somma dovuta lilu ai termini tal-istess ftehim ikkwotat ghall-perjodu bejn is-sena 2001 u s-sena 2005 tant illi fl-iskrittura tal-2006 li ghaliha ssir referenza aktar 'il isfel jiddikjara li rcieva kollox sa dakinhar. Dan il-perijodu jikkombaca wkoll maz-zmien li l-fond kien f'idejn Noel Scerri u ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni dwar dawn il-pagamenti mill-attur tant li fil-kontro-ezami jibqa' dejjem jinsisti li f'dak il-perjodu hu qatt ma tkellem ghaliex kien kuntent bl-andament tal-affarijiet.

Fl-4 ta' Marzu, 2006 saret skrittura ohra bejn is-socji bl-ghan li tkopri l-pagament dovut lill-attur ghaz-zmien bejn l-1 ta' Marzu, 2006 u t-28 ta' Frar, 2011. Din l-iskrittura filwaqt li taghmel referenza diretta ghall-klawzola K tal-ftehim originali (fol. 9) taqra kif isegwi:

'Illi Michael Grima jiddikjara illi sallum ircieva regolarment mis-socjeta' is-sehem tieghu mill-profitti.

Illi l-partijiet jixtiequ jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom naxxenti mis-socjeta' ghall-perjodu l-1 ta' Marzu 2006 sat-28 ta' Frar, 2011 riferibilment ghall-profitt spettanti lil Michael Grima.

Dana premess il-komparenti Ingatius Attard u Angelo Cefai ghan-nom tas-socjeta' Ignatius Attard and Company qeghdin ihallsu lil Michael Grima accettanti s-somma ta' hames elef lira ta' Malta (Lm5,000) u li ghaliha jhalli d-debita ricevuta akkont tal-profitti lilu spettanti mis-socjeta' ghall-perjodu 1 ta' Marzu, 2006 sat-28 ta' Frar 2011 b'dana illi fi zmien xahar mill-gheluq ta' kull sena finanzjarja tas-socjeta' il-partijiet jobbligaw ruhhom illi jiltaqghu sabiex jigi precizat l-ammont ta' profitt spettanti lil kull socju u jsiru d-debiti aggustamenti.'

Minn dak suespost jirrizulta li certament sad-data ta' din l-iskrittura li hija wkoll iffirmata u maqbula mill-attur huwa ddikaajra li rcieva l-pagamenti kollha dovuti lilu u ghalhekk ma jistax issa f'dan l-istadju jqajjem pretensjonijiet li jmorru lura aktar minn din l-istess skrittura kif evidentement qed jipprova jaghmel tramite r-rikors guramentat tieghu. Fir-rigward tal-perjodu mis-sena 2006 'il quddiem, jirrizulta mill-istess kontro-ezami tieghu li sakemm kien hemm Noel Scerri huwa kien kuntent bil-pagamenti li saru lilu. Skont id-dokument a fol. 101 tal-process il-ftehim ma' Noel Scerri skada fis-sena 2009. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar meta skada dan il-ftehim tant li l-istess Noel Scerri kkonferma fix-xhieda tieghu li l-iskadenza kienet f'dik is-sena.

Jirrizulta ghalhekk, anki mill-ispjegazzjoni moghtija mill-istess attur fir-ri-ezami tieghu a fol. 883 et seq illi huwa fil-mument li hareg Noel Scerri u s-socji solidali bdew jaghmlu arrangamenti ma' certu Giovanni Massa sabiex imexxi l-fond in kwistjoni li l-attur ma baqax kuntent bl-andament tal-affarijiet fis-socjeta'. L-attur beda jippretendi li jigi nvolut fid-diskussjonijiet u li l-parti mill-profitt dovuta lilu tizdied u cioe'

tinbidel minn dak originarjament miftiehem fl-iskrittura tal-20 ta' Frar, 1991 liema skrittura tipprovdi wkoll car u tond ghall-pagament dovut lill-attur f'kaz li l-ftehim imur oltre l-ewwel ghoxrin sena tieghu kif fil-fatt jirrizulta li gara wara li s-socji solidali ezercitaw id-dritt taghhom li jestendu l-ftehim ghall-perjodu ta' ghaxar snin ulterjuri (ara l-ittra ufficcjali esebita a fol. 23 tal-process).

Illi a fol. 25 tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni anness 28/2011 tinsab esebita ittra legali mibghuta mill-Avukat Pawlu Lia lis-socji fejn din taqra kif isegwi:

'Ninsab inkarigat minn Michael Grima . . . navzakhom illi huwa ma jridx igedded iz-zmien tas-socjeta' in akkomandita' Ignatius Attard and Company, meta dan jiskadi fit-13 ta' Frar 2011. Konsegwentement b'effett mill-istess data huwa ser jiehu lura l-uzu shih tal-fond 27, Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Ghawdex. Huwa ma jixtieqx ikompli fin-negozju u lanqas ma ghandu l-hsieb li jzomm il-licenzji la darba ma jkollux utilita' diretta.

Il-mittenti qieghed ukoll javzakhom sabiex tghaddulu l-kotba kollha tan-negozju tas-socjeta' b'mod li jkun jista' jaghmel il-verifiki mehtiega tal-profitti tas-socjeta.'

Il-Qorti tqis li sa mid-data ta' din l-ittra u cioe' 9 ta' Frar, 2011 certament l-intenzjoni tal-attur kienet wahda cara, huwa ried li jxolji s-socjeta'. F'din l-ittra tinsab ukoll l-ewwel prova fejn l-attur qed jitlob li huwa jinghata l-kotba kollha tan-negozju sabiex ikun jista' jaghmel il-verifiki dwar il-profitti mhallsa lilu. Kif gia nghad aktar 'il fuq l-attur ghamilha cara fl-atti li sas-sena 2009 huwa ma kellu l-ebda problema dwar dak imhallas minnu. Ghalhekk se mai, it-talba tieghu setghet biss qed taghmel referenza ghall-kotba tas-sena 2010. L-ittra ntbaghtet fid-9 ta' Frar, 2011 cioe' ftit aktar minn xahar wara li skont il-ftehim originali (Artikolu L. fol. 9) ghalqet is-sena finanzjarja tas-socjeta'.

Illi disat ijiem wara l-ittra hawn fuq imsemmija l-istess attur ipprezenta ittra ufficcjali datata 18 ta' Frar, 2011 kontra s-socji solidali fejn huwa nterpellahom kif isegwi:

'Permezz tal-prezenti Michael Grima . . qieghed jinterpellakhom . . sabiex fiz-zmien gimgha tersqu ghar-rexissjoni tal-kuntratti kollha li gew

allegatament iffrimati bejnietkom u tersqu ghall-ftehim gdid li permezz tieghu l-mittenti jinghata mqar l-ammont ta' disat elef tliet mija u sbatax-il-Euro (€9317) fis-sena, bhala sehmu mill-qliegh.

Intom qeghdin tigu nterpellati wkoll sabiex fiz-zmien jumejn intom tressqu d-dokumenti originali kollha li gew iffirmati mill-mittenti u kif ukoll kull dokument li juri d-dhul taghkom mill-gestjoni fin-negozju ta' bejnietkom u bejn il-mittenti ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.'

Minn din l-ittra ufficcjali tohrog cara l-intenzjoni tal-attur li huwa ried li jvarja l-ftehim originali billi jizdied l-ammont ta' profitt dovut lilu kull sena altrimenti ried li jwaqqaf kollox. Dan igiddeb ghal kollox ix-xhieda tal-attur fil-kontro-ezami tieghu a fol. 834 *et seq* tal-process fejn ghall-aktar minn darba jichad illi l-intenzjoni tieghu kienet li ried aktar flus u li ghamel din it-talba lis-socji. L-ittra ufficcjali mibghuta minnu stess tgiddbu.

Fl-istess ittra ufficcjali jergghu jissemmew id-dokumenti ta' ghoxrin sena shah izda kif gia nghad mill-atti u l-provi kollha rrizulta lil din il-Qorti li sas-sena 2009 l-attur kien kuntent b'dak li kien thallas u ma kellu l-ebda problema dwar dokumenti. Minn din l-ittra wkoll il-Qorti tinnota li l-attur beda jitfa' d-dubji fuq l-iskritturi ta' bejn il-partijiet billi ntuzat il-kelma 'allegatament' iffirmati bejnietkom. Dan jikkombaca ma' rapport li sar lill-Pulizija ftit wara (u li ghalih issir referenza aktar 'il isfel fejn l-attur beda jallega li l-firem fuq l-iskrittura ma kienux tieghu). Mill-ftehim ufficcjali din il-Qorti ma sabet imkien imnizzel xi obbligu tas-socji solidali li juru d-dokumentazzjoni tas-socjeta' tant illi ghall-ewwel ghaxar snin l-attur thallas a saldu ta' dak dovut lilu dakinhar stess tal-ftehim filwaqt li fis-sena 2006 iddikjara li sa dakinhar huwa kien dejjem thallas dak dovut lilu. Sas-sena 2009 l-attur kellu nformazzjoni dwar id-dhul tas-socjeta' stante li kellu t-tabella tal-pagamenti f'idejh dovuta minn Noel Scerri lis-Socjeta'. Dan ghalhekk jerga' jwassal lill-Qorti ghas-sena 2010 'il quddiem. Jirrizulta li ai termini tal-iskrittura datata 4 ta' Marzu, 2006, kien minn dakinhar 'il quddiem li s-socji kollha dahlu fl-obbligu li fi zmien xahar mill-gheluq ta' kull sena finanzjarja huma jiltaqghu sabiex jigi precizat l-ammont ta' profit spettanti lil kull socju. La darba huwa deciz li sas-sena 2009 l-attur ma kellu l-ebda problema dwar il-pagamenti rcevuti minnu u kellu wkoll id-dokumentazzjoni f'idejh allura ghal darb'ohra jirrizulta li wiehed jista' biss jilmenta, jekk huwa l-lok fuq id-dokumentazzjoni relattiva ghas-sena finanzjarja li

skadiet f'Dicembru, 2010. L-iskrittura tghid li l-laqgha ghandha ssir fi zmien xahar mill-gheluq tas-sena finazjarja. Il-Qorti tinnota li bil-kemm kien ghoddu ghadda xahar li l-attur beda jibghat l-ittri nterpellatorji u l-ittri ufficcjali msemmija aktar 'il fuq.

Illi da parti taghhom is-socji solidali (ghalkemm il-Qorti tinnota li Angelo Cefai fix-xhieda tieghu kien zbaljat meta nsista li s-sena finanzjarja tispicca f'Gunju ta' kull sena u mhux f'Dicembru u jekk hu hekk allura dan mhux skont il-ftehim originali li jindika Dicembru) in partikolari Angelo Cefai stante li s-socju l-iehor miet tul il-proceduri, insista li huma dejjem kienu disposti li juru d-dokumenti izda l-attur lanqas biss kien ta zmien bizzejjed li l-'accountant' tahdem l-istess u fl-istess hin kien l-attur li naqas milli jattendi ghal-laqghat iffissati u mhux bil-kontra. A fol. 27 tinsab esebita wkoll ittra ufficcjali din id-darba mibghuta mis-socji solidali lill-attur datata 23 ta' Frar, 2011 fejn jinfurmawh bla tlaqliq li 'm'ghandhom l-ebda diffikulta' biex inti tara l-kotra tal-kummerc tas-socjeta' taghkom.' Din l-ittra ufficcjali trendi aktar veritiera l-verzjoni tas-socji solidali li huma kienu disposti li juru d-dokumentazzjoni u li gew iffissati laqghat izda kien l-attur li ma attendiex. Fil-fatt l-attur fil-kontro-ezami ammetta li ma attendiex izda jghid li ghamel hekk ghax beda jibza'. Il-Qorti wara li rat kif l-attur sfaccatament, taht gurament, xehed falz fuq id-domanda li saritlu jekk huwa talabx aktar flus, ma tqisx li ghandha temmen din il-versjoni tal-attur.

Illi fl-ewwel ittra interpellatorja mibghuta mill-Avukat Pawlu Lia, l-attur insista wkoll li titwaqqaf is-socjeta' u li ma riedx igedded iz-zmien taghha. Dan izda jirrizulta li ma kellux dritt jaghmlu ai termini tal-ftehim datat 20 ta' Frar, 1991 li jaghti biss id-dritt tal-proroga jew li jitwaqqaf il-ftehim lis-socji solidali u mhux lis-socju akkomodant. Dan juri aktar lil din il-Qorti li l-attur, akkost ta' kollox, sa dak iz-zmien cioe' Frar, 2011 kien dahhala f'mohhu li ma jridx ikompli bis-socjeta' billi jew iwaqqafha jew jinghata aktar flus nonostante dak li kien originarjament miftiehem bil-miktub, minnu stess flimkien maz-zewg socji l-ohra konvenuti.

Il-Qorti vverifikat ukoll mid-dokumenti u cioe' 'accounts' tas-socjeta' tul is-snin esebiti a fol. 545 et seq tal-process mill-accountant tas-socjeta' Claire Dingli, li xehdet diversi drabi f'dawn il-proceduri, li effettivament li kieku ma kienx hemm il-ftehim bejn il-partijiet li huwa jithallas

minimu mill-profitti netti f'kaz li l-5 % mill-profitti tkun anqas (fol. 12) allura l-attur kien jispicca jircievi ferm anqas mill-ammonti li rcieva tul is-snin. Dan juri kemm tali ftehim a fol. 12 serva a favur tieghu.

Il-Qorti wkoll qrat il-bosta argumenti taz-zewg partijiet dwar jekk il-ftehim li sar ma' Giovanni Massa (esebit a fol. 30 fil-process tal-mandat anness) u li jipprovdi li s-socjeta' tithallas 10 % mill-'gross sales' u mhux 30 % mill-profitti netti kif kien il-ftehim ma' Noel Scerri u tqis li l-attur ukoll ma ghandux ragun fuq dan il-punt. Ghalkemm li kieku verament wiehed kellu jgholli l-ammonti tal-profitt tal-fond in kwistjoni ghal mijiet tal-eluf allura forsi wiehed jista' jargumenta li t-tieni opzjoni ta' 30% fuq il-profitt netti tigbed maghha aktar profitt ghall-attur, effettivament jirrizulta li tul l-ewwel sbatax-il sena tas-socjeta' is-socji solidali hadu idea tajba tal-andament tal-fond in kwistjoni kif gestit bhala 'restaurant' u ghalhekk kellhom presso o poco idea ta' kemm jista' jrendi dan ir-'restaurant' kull sena dejjem jekk ma jkunx hemm intoppi bhalma gara fis-sena 2012 bil-progett tal-Mgarr. Bil-ftehim li ghamlu ma' Giovanni Massa ta' 10% fuq il-'gross sales' l-Qorti tifhem li dan ghamluh sabiex jassiguraw l-ghola profitt possibbli minghajr il-bzonn ta' wisq attenzjoni fuq il-kontijiet tal-istess Massa li seta' jilghab ferm bl-ispejjez u jirriduci l-profitt net fix-xejn. B'tali ftehim is-socji solidali assiguraw profitt cert u ta' certu livell ghas-socjeta'. Apparti minn hekk it-tmexxija tas-socjeta' skont il-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 hija fdata totalment f'idejn is-socji solidali u mhux f'idejn l-attur bhala socju akkomodant izda l-attur qed jippretendi li anki jindahal fit-tmexxija. Dwar l-argument imqajjem mill-attur illi l-konvenuti qed jghamlu xi att kontra l-interess tal-attur ghaliex qabel ma jigi kkalkolat l-10% skont il-ftehim ma' Massa jitnaqqas il-VAT il-Qorti wkoll ma taqbilx ma' dan ir-ragunament ghaliex huma l-istess Z readings li minnhom gew esebiti bosta fl-atti a fol. 355 et seq li jiddistingwu mill-ewwel ghal dak li huwa dhul tan-negozju u taxxa migbura. Il-Qorti taqbel mal-argument illi l-flus migbura bhala VAT ma ghandhomx jigu kkalkolati stante li dawn ikunu qed jingabru ghan-nom tad-Dipartiment u qatt ma huma tal-individwu.

Illi f'dan l-istadju u sabiex il-Qorti tkompli taghrbel ir-raguni vera ghalfejn l-attur fetah dawn il-proceduri fejn qed jallega li dan qed jaghmlu ghaliex skont hu l-konvenuti naqsu mill-obbligi taghhom in relazzjoni mal-hlas mill-profitt dovut lilu taghmel ukoll referenza ghar-rapporti li saru mal-Pulizija mill-attur u li jinsabu esebiti a fol. 769 et seq.

Il-Qorti tinnota illi fir-rapport datat 6 ta' Lulju 2009 li izda sar jumejn wara 8 ta' Lulju, 2009 l-attur allega mal-Pulizja li huwa kellu laqgha ma' wiehed mill-konvenuti in relazzjoni mal-kuntratt ta' bejniethom. Gia dan minnu nnifsu jgiddeb lill-attur li l-konvenuti ma kienux jiltaqghu mieghu. Jumejn wara din il-laqgha fejn jidher li l-attur ma ftiehmx mal-konvenuti jew ma hax dak li ried (il-Qorti tinnota li dan kien iz-zmien li spicca l-kuntratt ma' Noel Scerri) l-attur iddecieda li jmur jaghmel rapport li x'hin spicca minn din il-laqgha huwa dehrlu li kien qed jigi segwit minn xi persuna. Fix-xhieda tieghu huwa jinsisti li dan kien xi hadd Sqalli u li skont hu kienu baghtuh il-konvenuti. Minn dan izda ma jirrizulta xejn mill-provi quddiem din il-Qorti. Is-semplici att li r-rapport sar jumejn wara jqajjem suspett f'mohh din il-Qorti li l-attur kellu xi skopijiet ulterjuri wara r-rapport stante li evidentement mix-xhieda tieghu johrog car li huwa xejn ma kien kuntent li kienu qed isiru arrangamenti sabiex it-tmexxija tal-fond tghaddi f'idejn Giovanni Massa li appuntu huwa Sqalli.

It-tieni rapport igib id-data 20 ta' April, 2011 u cioe' gimghat wara li permezz ta' ittra interpellatorja u ittra ufficcjali l-attur kien informa l-konvenuti li huwa ma riedx igedded is-socjeta' u/ jew li ried aktar profit minn dak miftiehem u fejn uza kelma 'allegatament' b'referenza ghall-firem tal-iskritturi. L-attur allega li kien hemm xi firem mhux tieghu fuq pjanta annessa mal-ftehim originali bejn il-partijiet izda wara meta rega' gie mitkellem fil-5 ta' Mejju, 2011 huwa stqarr li l-firem fuq l-iskrittura kienu tieghu. Evidentement, f'ghajnejn din il-Qorti wara li rat l-assjem kollu tal-provi fl-atti nkluz ix-xhieda tal-istess attur, tali rapport sar mill-attur in vista li sa dak iz-zmien huwa ried li varja l-kondizzjonijiet tal-ftehim jew li jwaqqaf il-ftehim kompletament u ghalhekk beda jara ma x'hiex ser jaqbad forsi jirnexxielu.

Illi finalment jirrizulta wkoll mill-atti li s-socji solidali konvenuti mhux talli ma hallsux lill-attur dak dovut lilu izda fl-iskadenza tal-ghoxrin sena tal-ftehim u cioe' fil-mument li dan igedded ghall-ghaxar snin ohra ai termini tal-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 9), is-socji solidali permezz ta' ittra datata 9 ta' Gunju 2011, stante l-attur kien qed jirrifjuta li jitlaqa' maghhom u wara li kien ghamel cara l-intenzjonijiet tieghu tramite l-ittra legali u l-ittra ufficcjali, ghaddew permezz tal-avukat taghhom cekk ghas-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Euro (€11,647) akkont tal-profitt bejn il-perodu ta' l-1 ta' Marzu, 2011 u t-28 ta' Frar, 2016 izda l-attur irrifjuta li jsarraf dan ic-cekk (fol. 15).

Illi in vista tal-agrumentazzjoni kollha tal-Qorti suesposta u wara li l-Qorti gharblet kelma b'kelma l-provi kollha li tressqu f'dawn l-atti din il-Qorti ma tqisx li l-attur irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu kif imqajjma fir-rikors guramentat illi s-socji solidali b'xi mod naqsu milli jeffettwaw l-obbligi taghhom skont il-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 9 u 12) u l-ftehim ulterjuri datat 4 ta' Marzu, 2006 (fol. 13) anzi jirrizulta ampju li s-socji solidali dejjem hallsu dak dovut mis-socjeta' fiz-zmien opportun u li l-attur kien kuntent bil-hlas dovut lilu mill-anqas sas-sena 2009. L-ilment tal-attur li l-konvenuti rrifjutaw li jiltaqghu biex jaghmlu l-aggustamenti neccessarji skont il-ftehim datat 4 ta' Marzu, 2006 ukoll ma giex legalment pruvat sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi. Anzi l-Qorti mill-assjem tal-provi tqis li l-kawza odjerna saret mhux ghaliex il-konvenuti ma kienux qed jottemperaw ruhhom mal-obbligi taghhom skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet, izda saret appuntu b'mod vessatorju ghaliex l-attur ried akkost ta' kollox ivarja l-kundizzjonijiet tal-ftehim iffirmati minnu stess u jekk le ried ixolji l-ftehim nonostante li legalment m'ghandux id-dritt li jaghmel dan.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost u wara li l-Qorti qieset il-kontenut kollu tal-atti processwali, din il-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li l-kawza saret bi skop vessatorju da parti tal-attur hija gustifikata, illi t-tielet eccezzjoni hija gustifikata in parte stante li hemm bazi legali ghall-kawza odjerna izda mhux l-aritkoli kollha ndikati mill-attur, kif ukoll tqis li l-bqija tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti huma wkoll gustifikati ghajr ghas-sitt eccezzjoni in vista tal-kontenut tal-iskrittura datata 4 ta' Marzu, 2006. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddikjara li t-talbiet tal-attur ma gewx sufficjentement pruvati, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif fuq deciz aktar 'il fuq u ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tal-attur.

**Il-kontro-talba:**

Illi kif inghad aktar 'il fuq l-attur Michael Grima u l-konvenuti Attard u Cefai dahlu f'zewg skritturi fl-20 ta' Frar tas-sena 1991 (fol. 9 u 12). F'dawn l-iskritturi gew maqbula numru ta' obbligi u fil-kontro-talba taghhom il-konvenuti jsostu li Michael Grima bhala s-socju akkomandanti naqas mill-obbligi assunti minnu b'diversi modi u manjieri. Ghal din ir-raguni permezz tal-kontrotalba taghhom, il-

konvenuti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex taghti effett il-kundizzjoni numru 5 fit-tieni skrittura esebita a fol. 12 tal-process li taqra kif isegwi:

'Il-partijiet inoltre jaqblu il kemm-il darba s-socju akkomandanti bi htija jew negligenza jonqos milli jikkonferixxi l-kontribuzzjoni msemmija fit-tielet paragrafu tal-ftehim originali, jew bi htija jew negligenza tas-socjeta' jew f'din il-kitba, allura huwa jkun responsabbli lejn is-socji solidali ghall-hlas ta' penali ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm 25,000) u din minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor ghad-danni li jkun jispetta lis-socji solidali.'

Illi bit-tielet paragrafu tal-ftehim originali l-Qorti tifhem il-paragrafu F tal-istess ftehim (kif fil-fatt indikat mill-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom) li huwa l-paragrafu li jimponi l-obbligi tas-socju akkomandanti u jaqra kif isegwi:

'F (1) Is-socju akkomodanti qieghed jikkonferixxi fis-socjeta' l-uzu tal-fond fuq imsemmi numru sebgha u ghoxrin (27) maghruf bhala "Mike's Bar" Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex;

(2) L-inwkilinat tal-imsemmi fond u l-permessi u licenzji kollha, jibqghu ghal kollox f'isem is-socju akkomandanti.

(3) Is-socju akkomandanti ma jkunx jista' jitrasferixxi d-drittijiet tieghu f'dina s-socjeta' jew fuq il-fond imsemmi, lil terzi minghajr il-permess ippreventiv tal-Kummissarju tal-Artijiet u tas-socji solidali;

It-tieni skrittura datata 20 ta' Frar, 1991 fir-raba' paragrafu taghha timponi l-obbligi segwenti fuq is-socju akkomandanti kif isegwi:

'4. Is-socju akkomandanti jintrabat li kull meta jigi hekk rikjest minnu mis-socji l-ohra huwa jaghti l-kunsens tieghu u jiffirma kwalunkwe dokument li jista' jkun mehtieg sabiex jigu ottjenuti l-permessi u licenzji kollha li huma jew ikunu mehtiega f'isem l-istess socju akkomandanti sabiex jigi gestit in-negozju oggett ta' din is-socjeta'.

Il-Qorti mill-atti fehmet li l-iskop li l-penali mposta tnizzlet ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) kien appuntu stante li mal-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 is-socji solidali hallsu lis-socju

akkomandanti, u fuq dan hemm qbil, is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000).

Il-konvenuti bhala bazi tal-kontro-talba taghhom isostnu li n-nuqqasijiet tal-attur allegatament kienu dawn li jsegwu:

(i) Ma hallasx dejjem puntwalment il-licenzji u permessi fuq il-fond mertu tal-ftehim;

(ii) Irrifjuta li jiffirma dokumenti li kienu mehtiega ghan-negozju ezercitat mill-fond in kwistjoni;

(iii) Ghamel diversi ostakli biex il-ftehim ikun jista' jibqa' jigi attwat dan inkluz:

(iv) Ghamel rapport falz mal-Pulizija;

(v) Intavola mandat ta' inibizzjoni;

(vi) Avvicina l-impjegati tas-socjeta' b'ghajjat u theddid bl-ghan li jheggighom itemmu l-impieg taghhom mas-socjeta';

(vii) Indahal fl-amministrazzjoni tan-negozju tas-socjeta'.

<u>(i) Ma hallasx dejjem puntwalment il-licenzji u permessi fuq il-fond mertu tal-ftehim:</u>

Illi fil-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991, il-partijiet qablu li l-licenzji u l-permessi kif ukoll l-inkwilinat kellhom jibqghu f'isem l-attur Michael Grima wahdu, b'dana pero' li huwa ma setax jittrasferixxi l-inkwilinat tieghu minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet u tas-socji solidali u cioe' tal-intimati u f'kaz ta' terminazzjoni tas-shubija, il-licenzji kellhom jibqghu ta' Michael Grima wahdu u dan b'referenza ghall-klawzola F hawn fuq ikkwotata.

Il-konvenuti jsostnu li fis-sena 2011 l-attur beda jirrifjuta li jhallas il-licenzji necessarji tal-fond minkejja li dawn kienu responsabilita' tieghu. L-istess attur fil-kontro-ezami tieghu jammetti li jista' jkun li xi darba qal hekk ghax kien irrabbjat minhabba, fi kliemu, il-ftehim li kien qed

isir mal-Isqallin. Anki fl-ittri legali tieghu l-attur indika li ma kellu – ebda nteress izomm il-licenzji attivi. Jirrizulta fil-fatt mill-provi fis-sena 2011 il-licenzja thalset minn certu Mario Loporto li xehed f'dawn il-proceduri (fol. 724). Dan ix-xhud jinsisti li huwa kien inkarigat mill-konvenuti li jara li bhala licenzji kien hemm kollox sew izda meta mar jiccekkja sab li l-licenzja ma kinitx imhallsa u hu hallasha. Li din thalset minn Mario Loporto f'dik is-sena partikolari gie konfermat mix-xhieda rapprezentanti d-dipartiment koncernat fosthom Christine Vella li telghet tixhed diversi drabi (fol. 108 u fol 778). Din ix-xhud izda u xhieda ohra rapprezentanti fosthom Dr. Joseph Grech (fol. 59 u 212) u Emanuel Cassar (fol. 123) insistew li l-hlas seta' jsir biss minn persuna li kellha l-'invoice' f'idejha. Jirrizulta li l-'invoice' kien jirciviha l-attur u mill-atti ma harigx car x'inhi r-raguni li Mario Loporto thalla jhallas din il-licenzja nonostante li ma kellux l-ircevuta f'idejh u jekk kellu minfejn gab l-istess.

Illi da parti tieghu l-attur ghalkemm jammetti li seta' qal kliem fis-sens li ma kienx ser ihallas il-licenzji jekk il-konvenuti ma kienux ser jiftehmu, fl-atti gew ipprezentati dokumenti li jevidenzjaw li l-attur kien joqghod ferm attent li malli jircievi l-kont huwa jmur ihallas. Jirrizulta wkoll li ghal dik li hija l-licenzja tas-sena 2011 huwa kien prova jmur ihallas l-istess qabel ghamel dan Mario Loporto izda nzerta gurnata meta s-sistema ma kinitx qed tahdem. Sakemm rega' mar huwa sab il-licenzja mhallsa. Dwar dan huwa anki ressaq ilmenti bil-miktub mad-dipartimenti jew awtoritajiet koncernati permezz tal-avukat tieghu esebiti a fol. 126.

Il-Qorti minn dak suespost ma tqisx li tista' tasal ghall-konkluzjoni sal-grad rikjest mil-ligi li l-attur fir-rigward tal-hlas tal-licenzja tas-sena 2011 naqas mill-obbligu tieghu li jhallas l-istess.

<u>(ii) Irrifjuta li jiffirma dokumenti li kienu mehtiega ghan-negozju ezercitat mill-fond in kwistjoni;</u>

Wara l-incident tal-hlas tal-licenzja hawn fuq imsemmi, irrizulta wkoll li fil-mori tal-kawza kien hemm mill-anqas zewg okkazzjonijiet fejn l-attur irrifjuta li jiffirma dokumenti li fihom kien hemm il-htiega tal-firma tieghu fosthom:

(i) it-talba sabiex jinbidel l-isem tal-fond li l-attur accetta biss li jaghti l-kunsens tieghu ghat-talba wara li nghata digriet minn din il-Qorti diversament preseduta. Dan nonostante l-fatt li fil-ftehim datat 20 ta' Frar, 1991 iffirmat mill-istess attur kien miftiehem specifikatament illi:

'7. Is-socji solidali jirriservaw id-dritt fid-diskrezzjoni taghhom li jibdlu l-isem attwali tan-negozju.'

Ir-rifjut li l-attur jiffirma palasament jikkostitwixxi agir kuntrarju ghal dak miftiehem minnu stess lura fis-sena 1991.

(ii) l-inkartamenti sabiex is-socji solidali jkunu jistghu japplikaw f'isem l-attur ghal zieda fl-imwejjed u s-siggijiet permessi mal-fond u dan wara l-progett li sar fl-Imgarr fis-sena 2012. Nonostante li evidentement tali applikazzjoni hija favur ukoll l-interessi tal-attur dan irrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu u dan johrog car mill-atti fejn sar ukoll rikors f'dan is-sens liema rikors izda l-Qorti filwaqt li stiednet il-partijiet jaslu ghall-ftehim, ma ddekretatx stante li qieset li kien imur oltre dak mitlub minnha fl-istess rikors guramentat. Mill-atti izda rrizulta wkoll li sa mill-bidu tal-ftehim il-fond in kwistjoni kien jopera b'numru ta' mwejjed aktar minn dawk stipulati originarjament fl-'enroachment' li kien ta' sitt imwejjed izda dan se mai dejjem kien a favur l-interessi wkoll tas-socju akkomandant li l-profitt tieghu seta' se mai jizdied jekk ikun hemm aktar bejgh. Jirrizulta ghalhekk ampju mill-atti li nonostante li fis-sena 2012 giet l-okkazzjoni sabiex is-sitwazzjoni dwar l-imwejjed tigi regolarizzata l-attur palasament naqas mill-obbligu tieghu li jiffirma l-inkartamenti neccessarji sabiex dan ikun jista' jsir u dan minghajr ebda gustifikazzjoni valida fil-ligi.

(iii) Ghamel diversi ostakli biex il-ftehim ikun jista' jibqa' jigi attwat dan inkluz, (iv) Ghamel rapport falz mal-Pulizija u (v) intavola mandat ta' inibizzjoni:

Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom isostnu li l-ostakli l-aktar gravi li l-attur ghamel bi ksur tal-kundizzjonijiet assunti minnu fil-ftehim ta' bejniethom huma appuntu li huwa ghamel minn kollox biex iwaqqa' il-ftehim ta' bejn il-partijiet abbazi ta' ragunijiet mhux fondati fil-ligi u dan ivverifikatu l-Qorti stess mill-atti u waslet ghall-istess konkluzjoni aktar 'il fuq f'din id-decizjoni fit-trattazzjoni taghha tat-

talbiet tal-attur. Dan l-ilment da parti tal-konvenuti huwa altru milli gustifikat. Mill-atti hareg car li l-animu tal-attur mis-sena 2010 'il quddiem kien li jaghmel minn kollox sabiex b'xi mod jew ixolji s-socjeta' jew inkella jinghata aktar profitt minn dak li kien hu stess ftiehem fuqu lura fis-sena 1991 u dan minghajr ebda bazi legali jew fattwali.

Il-konvenuti jaghmlu wkoll referenza ghar-rapporti li l-attur ghamel mal-Pulizija u li wkoll din il-Qorti gia ghamlet referenza ghalihom aktar 'il fuq f'din id-decizjoni. Il-Qorti terga taghmel taghha l-argumentazzjoni suesposta u tikkonferma li huwa evidenti mill-atti li r-rapporti mal-Pulizja mill-attur saru sabiex jaghmlu l-bsaten fir-roti ghall-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 nonostante li l-attur kien obbligat li ma jaghmilx hekk ai termini tal-ftehim.

Finalment il-konvenuti jsemmu wkoll bhall-ostaklu l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 28/2011 prezentat mill-attur datat 24 ta' Gunju, 2011 li jaqra kif isegwi:

'Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli inthom personalment jew permezz ta' terzi tkomplu tiggestixxu n-negozju bl-isem 'Sicilia Bella' mir-ristorant/hanut ta' Michael Crima . . . stante illi l-mod kif qed jigi gestit in-negozju qed jippregudika d-drittijiet tal-istess rikorrenti Michael Grima bhala inkwilin u licencee tal-proprjeta'.

Fil-mandat ma saret l-ebda referenza ghall-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u dan gie provizorjament milqugh. Kien biss wara rikors li sar b'urgenza mill-konvenuti li l-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet provizorju fl-istess gurnata. Fl-14 ta' Lulju, 2011, wara li fl-atti tal-mandat gew esebiti mill-kontro-parti d-dokumenti kollha li juru r-relazzjoni bejn il-partijiet, l-attur ghazel li jirtira l-mandat. Nonostante li l-mandat gie eventwalment irtirat din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-mandat kif prezentat mill-attur kien verament intiz sabiex ixekkel l-ghan ewlieni ghalfejn giet iffurmata s-socjeta' u cioe' l-gestjoni tal-fond in kwistjoni. Stante li dan sar ftit xhur wara li l-attur kien iddikjara bil-miktub tramite ittra nterpellatorja u ittra ufficcjali li ma kellu l-ebda intenzjoni li jkompli bil-ftehim u/jew li huwa ried li jinghata aktar qliegh mill-profitt minn dak miftiehem u wkoll stante li l-mandat sar f'Gunju cioe' fl-eqqel tax-xoghol, din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-iskop tal-mandat kien wiehed malizzjuz ghall-ahhar da parti tal-attur.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija lecita meta verament ikun hemm jeddijiet tar-rikorrenti li jkun jehtieg li jigu kkawtelati b'mod provizorju, f'dan il-kaz huwa car li l-attur ma kellu l-ebda jedd li kien jehtieg tali kawtela provizorja u li t-talba ghall-hrug tal-mandat kienet wahda abbusiva ghall-ahhar. Jirrizulta mill-atti li wara li saret tali talba l-attur jista' jkun li gie f'tieghu u rrealizza li seta' jkun hemm konsegwenzi anki ghal dak li huma danni f'kaz li jinsisti fuq il-mandat u fil-fatt dan gie rtirat. L-animu inizjali tal-attur izda li jxekkel is-socjeta' gie ampjament pruvat.

<u>(vi)Avvicina l-impjegati tas-socjeta' b'ghajjat u theddid bl-ghan li jheggighom itemmu l-impieg taghhom mas-socjeta':</u>

Il-Qorti ghajr illi fl-atti jirrizulta li l-attur Michael Grima kellu relazzjoni tajba ma' Noel Scerri li dam imexxi l-fond ghal sbatax-il sena shah bil-kuntentizza tal-istess Michael Grima, ma sabet fl-atti l-ebda prova konkreta li l-attur avvicina x'impjegati tas-socjeta' u li ghajjat maghhom jew heddidhom ghalhekk ma tqisx li tali allegazzjoni giet pruvata.

<u>(vii) Indahal fl-amministrazzjoni tan-negozju tas-socjeta'.</u>

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti ma ghandhiex dubju, b'referenza ghall-argumentazzjoni taghha stess aktar 'il fuq fil-konsiderazzjoni taghha tat-talba tal-istess attur (u taghmel taghha l-istess konsiderazzonijiet taht dan is-subartikolu) illi mis-sena 2010 'il quddiem l-attur beda jaghmel minn kollox sabiex jindahal fl-amministrazzjoni tan-negozju tas-socjeta' nonostante li l-amministrazzjoni ai termini tal-ftehim hija fdata kompletament u biss f'idejn is-socji solidali. Dan billi ppretenda li b'xi mod seta' jiddetta lil min is-socji solidali jqabbdu sabiex jahdem fil-fond u kif dan ghandu jitmexxa u dan bi ksur tal-klawzola J tal-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 9) li taqra kif isegwi:

'L-amministrazzjoni u r-rapprezentanza tas-socjeta' jkunu biss fis-socju solidali li ghalhekk ikunu jistghu jorbtu lis-socjeta' ma' terzi u lil terzi mas-socjeta'.

Illi minn dak kollu suespost, il-Qorti tqis li verament l-attur f'diversi cirkustanzi agixxa bi ksur tal-obbligi tieghu ai termini tal-artikolu F tal-ewwel ftehim u bi ksur tal-obbligi tieghu mposti fit-tieni ftehim b'dana li

ghandha ssib applikazzjoni kontra tieghu l-penali mposta ai termini tal-artikolu 5 tat-tieni ftehim datat 20 ta' Frar, 1991.

Illi kif gia inghad aktar 'il fuq skont il-klawsola hamsa tat-tieni ftehim tal-20 ta' Frar 1991, milhuq bejn Grima (attur), Attard u Cefai (konvenuti) gie miftiehem li:

'Il-partijiet inoltre jaqblu li kemm–il darba s-socju akkomondanti [Michael Grima] bi htija jew negligenza jonqos milli jikkonferixxi l-kontribuzzjoni msemmija fit-tielet paragrafu tal-ftehim originali, jew bi htija jew negligenza jonqos mill-obbligi assunti minnu fil-ftehim dwar il-kostituzzjoni tas-socjeta' jew f'din il-kitba, allura huwa jkun responsabbli lejn is-socji solidali ghall-hlas ta' penali ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija u din minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor ghad-danni li jkun jispetta lis-socji solidali".

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn wiehed jista' jargumenta li penali ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000) hija wahda drastika, fl-ewwel lok din ma gietx imposta minn xi ligi izda giet maqbula bejn il-partijiet u l-Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda diskrezzjoni tvarja l-istess u fit-tieni lok dan l-ammont, kif gia accennat aktar 'il fuq, huwa identiku ghall-hlas li l-attur effettivament ircieva minghand il-konvenuti ghalhekk f'dan il-kuntest jaghmel sens li kien dan l-ammont li kien qed jigi kawtelat bil-penali.

Illi apparti l-penali, fil-kontro-talba l-konvenuti qed jitolbu wkoll il-hlas ta' danni izda mill-atti ma tressqu l-ebda provi dwar dawn l-allegati danni. Il-Qorti tinnota wkoll li anki fis-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti ma jaghmlu l-ebda referenza ghal xi kwantifikazzjoni ta' danni li tista' tirrizulta mill-atti.

Illi a darba l-Qorti sabet li l-attur f'diversi okkazzjonijiet agixxa bi ksur tal-obbligi mposti fuqu b'dana li ghandha ssib applikazzjoni fil-konfront tieghu l-penali mposta fl-artikolu 5 tal-ftehim tal-20 ta' Frar, 1991 (fol. 12) allura din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li fic-cirkustanzi, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat u tilqa' t-talbiet fil-kontro-talba ghajr ghat-talba ghall-hlas ta' danni stante li mhux pruvata.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi **t-talbiet tal-attur** kif isegwi:

(i) Tilqa' l-eċċezzjonijijiet kollha tal-konvenuti salv għat-tielet eċċezzjoni li qed tiġi milqugħa limitatament biss għall-ilmenti mressqa mill-attur u li ma jifformawx parti ntegrali mir-rikors ġuramentat tiegħu kif hawn fuq deċiż u għas-sitt eċċezzjoni stante li rriżulta li mill-iskrittura datata 4 ta' Marzu, 2006 l-attur ċertament kellu dritt li jkun jaf x'inhu l-qliegħ tas-soċjeta';

(ii) Konsegwentement stante li ma tqisx li ġew pruvati lilha fl-atti raġunijiet ta' gravita' suffiċjenti kif allegati mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu li jimmeritaw il-likwidazzjoni tas-shubija bl-isem 'Ignatius Attard and Company', anzi rriżultaw fl-atti ntenzjonijiet ulterjuri da parti tal-attur għall-ftuħ tal-kawża odjerna li ma jinkwadrawx ruħhom f'raġunijiet validi sabiex tiġi likwidata s-shubija bejn il-partijiet kif deċiż aktar 'il fuq, tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

Fit-tieni lok, għar-raġunijiet kollha suesposti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti kif isegwi:

(i) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat;

(ii) Tilqa' t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti kif isegwi:

a) Tiddikjara li l-attur Michael Grima naqas mill-obbligi assunti minnu fiż-żewġ ftehim ta' l-20 ta' Frar 1991 milħuqa bejnu u l-konvenuti Angelo Cefai u Iganatius Attard kif aħjar elenkat aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni;

b) Tiddikjara li minħabba dan in-nuqqas, l-istess attur Michael Grima huwa responsabbli għall-ħlas ta' penali lill-konvenuti soċji solidali Angelo Cefai u Ignatius Attard (kif illum l-atti ġew trasfużi f'isem Mary Grace Attard) ai termini tal-klawsola 5 tat-tieni ftehim milħuq bejn il-partijiet fid-data tal-20 ta' Frar 1991 (fol. 12) iżda tiċħad it-talba għall-ħlas ta' danni stante li ma ġew pruvati l-ebda danni;

c) Tillikwida l-penali dovuta minn Michael Grima lill-konvenuti soċji solidali konġuntement, Mary Grace Attard wara l-mewt ta' Ignatius Attard u Angelo Cefai, għas-somma ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u

erbgha u tletin Euro (€58,234) ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) u dan ai termini tal-klawsola 5 tat-tieni ftehim milhuq bejn il-partijiet fid-data tal-20 ta' Frar 1991 (fol. 12) liema penali hija wahda fissa kif miftehma bejn il-partijiet u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni li tvarjaha.

d) Tikkundanna lill-attur Michael Grima sabiex b'mod immedjat ihallas lill-konvenuti socji solidali konguntement, Mary Grace Attard wara l-mewt ta' Ignatius Attard u Angelo Cefai, is-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erbgha u tletin Euro (€58,234) ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000).

Bl-ispejjez kollha nkluz tat-talba u tal-kontro-talba kontra l-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur